

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U
AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Informazzjoni mill-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta' applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-
Regolament (UE) 2020/698 minn Franza**

It-tifqigħa tal-COVID-19

*(Ir-Regolament (UE) 2020/698 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 li jstabbilixxi miżuri
speċifiċi u temporanji fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19 u rigward it-tiġdid jew l-estensjoni ta' ċerti ċertifikati, liċenzji
u awtorizzazzjonijiet u l-posponiment ta' ċerti kontrolli u taħriġ perjodiċi f'ċerti oqsma tal-leġiżlazzjoni dwar it-trasport
(ĠU L 165, 27.5.2020, p. 10))*

(2020/C 182 I/01)

Notifika minn: Franza

B'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2020/698, **Franza infurmat lill-Kummissjoni nhar it-
28 ta' Mejju 2020** li ddeċidiet li ma tapplikax ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2020/698.

Dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2020/698 li Franza ddeċidiet li mhux se tapplika:

- L-Artikolu 5(1) dwar il-limiti ta' żmien għat-testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom skont id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾;
- L-Artikolu 5(2) dwar il-validità taċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali skont id-Direttiva 2014/45/UE.

⁽¹⁾ Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51).